**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TNEJN 25 TA' FRAR, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1125/01 JB**

**Michelle Cassar Agius**

**vs**

**Simon Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm287.00c (mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin) rappresentanti danni sofferti mill-attrici f' incident awtomobilistiku bejn il-vettura Hyundai b' numru ta'

registrazzjoni BAA 889 misjuqa mill-attrici u l-vettura Rover b' numru ta' registrazzjoni CAO 837 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolarmenti tat-traffiku, ghaldaqstant l-attrici talbet lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni kawzati minnu.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema bil-guramnet li l-ammont ghadu dovut mill-istess attrici;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet, u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm287.00c) rappresentanti danni sofferti mill-attrici fl-incident awtobilistiku li sehh fid-29 ta' Marzu 2001, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**